GUDJA

Minuti tal-wieħed u tlettin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis 04 t'Awwissu 2011.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku: | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku: | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Osvaldo Pace Anthony Dalli |

1. Approvazzjoni ta' minuti – 30/6 (30/06/2011)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsillieri

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Proġett ta' toroq u bankini fi Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun, Triq il-Kappillan u Triq William Baker Gudja.

5. Proġett tal-Mitħna Housing Estate flimkien mal-Awtorita tad-Djar.

6. Trasport Pubbliku

7. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.40p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 30/6 (30/06/2011)**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tat-30 ta' Ġunju 2011 li ġew ċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel din il-laqgħa ġew approvati nem con.

1.2.0 Affarijiet li qamu mill-minuti

1.2.1 Tema 2.3.1 - Ħlas ta' flus lura. Saret diskussjoni u ġie deċiż li meta jqum il-każ li min ikun ibbukja vjaġġ fuq xi skemi li jkun qed jorganizza l-Kunsill flimkien ma' xi post ieħor fl-Ewropa, u xi ħadd li jkun ibbukja ma jkunx jista' jagħmel il-vjaġġ minħabba saħħa, il-Kunsill jirrifondi l-flus biss meta jkun hemm ċertfifikat tat-tabib li jkun juri fiċ-ċar li l-persuna ma tkunx tista' tivjaġġa minħabba saħħa. Il-Kunsill qabel ukoll illi malli joħorġu l-biljetti tas-safar l-individwu għandu jkollu polza tas-sigurta li tkun tkopri l-każ li wieħed ma jkunx jista' jagħmel l-vjaġġ u hekk ir-riskju kemm ta' l-individwu kif ukoll tal-Kunsill ikun minimu ħafna.

1.2.2 Tema 8.1 – Loading/unloading bay ħdejn Ġnien Raymond Caruana, Gudja. Il-Kunsill ħa konjuzjoni tat-talba tas-Sur Camel Bellia li qed imexxi l-kiosk fi Ġnien R. Caruana u qabel li jagħmel talba lit-Trasport Malta sabiex ikun hemm loading/unloading bay f'parkeġġ mhux il-bogħod mill-kiosk u dan bejn l-4.00p.m. u s-7.00p.m.

1.2.3 Xiri ta' konkos għal xogħol fl-inħawi ta' wara l-grawnd faċċata ta' Palazzo d'Aurel. Il-Kunsill qabel li dan il-konkos jiġi mkejjel qabel jinxtara għax jidher li l-ħtieġa hija ta' 4½ jardi C20 u mhux iżjed.

1.2.4 Gabbani (kiosk) għal festa ta' Santa Marija. Fuq mistoqsija tas-Sur Anthony Dalli għaliex dawn tnaqqsu fin-numru, is-Sindku wieġeb li fil-Gudja ma tiflaħx iżjed. Dawn l-arranġamenti huma biss għall-festa ta' Santa Marija. Jekk ikun hemm iżjed applikazzjonijiet minn dawk stabbiliti mill-Kunsill, dawn jittellu bil-polza.

## 2.0 Kommunikazzjonijiet

2.1.0 Sindku - Sur John-Mary Calleja

2.1.1 Toqob għall-armar tal-festi fi Triq William Baker, Gudja. Il-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li meta jiġu konsidrat dawn it-toqob għandu ukoll jiġi iċċekjat dwar cables u servizz oħra li jistgħu ikunu mirduma u għalhekk ta' periklu jekk dawn jintlaqgħu meta jkun hemm it-tħafir.

Il-Kunsill qabel li jinkisbu tlett kwotazzjonijiet għal dawn ix-xogħlijiet.

2.1.2 Xogħol t'ilqugħ tal-ilma fi Triq Ħal Safi Gudja. Saret diskussjoni dwar il-ħtieġa li ma jkunx hemm għaddajjar tal-ilma fit-tarf ta' din it-triq. Il-Kunsill qabel li jinġabru tlett kwotazzjonijiet ta' żewġ kaxxi (ġebel u konkos) sabiex isir bħala samp għall-ilma u b'hekk ma jkunx hemm ilma li jinġabar f'din il-parti tat-triq.

2.1.3 Servizz ta' ambulanzi waqt attivitajiet fil-Gudja. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm attivita tal-Kunsill li tinvolvi massa ta' nies, dan għandu jagħmel użu ta' ambulanza mis-servizz privat sabiex tkun preżenti fuq il-post waqt l-istess attivita.

2.2.0 Viċi-Sindku – Sur Romeo Baldacchino

2.2.1 Is-Sur Baldacchino talab sabiex jingħata spjegazzjoni għaliex ix-xogħol fi Triq il-Kappillan waqa lura. Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur kien qed jgħid li l-paver ma jidħolx fil-parti d-dejqa ta' din it-triq. Iżda jidher li din hija skuża sabiex jgħatti li dan l-istess kuntrattur m'għandux apparat ta' paver żgħir u ma jixtieqx jixtri jew jikri wieħed.

Is-Sur Baldacchino tenna li din li ma nstabx paver huma skużi vojta u kif tħalla x-xogħol qed jagħmilu l-ħsara (lis-Sur Baldacchino) peress li n-nies jallegaw li wara li tlestiet it-Triq William Baker huwa ma kellux aktar interess f'dan ix-xogħol. Fil-fatt dan mhux il-każ għaliex huwa (is-Sur Baldacchino) dejjem saħaq li x-xogħlijiet fi Triq William Baker u fi Triq il-Kappillan għandhom jibdew u jispiċċaw flimkien.

Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur huwa suġġett li qed jeħel il-multi.

Is-Sur Baldacchino qal li dan mhux każ ta' sempliċi multi iżda każ li peress huwa (is-Sur Baldacchino) ikun qed juri interess fit-twettieq ta' xogħol sewwa

u ta' fejda fl-aħjar interess tar-residenti huwa (is-Sur Baldacchino)jiġi mfixkel fil-qagħdi u r-responsabbilita tiegħu anke' bħala Viċi-Sindku.

Is-Sur Baldacchino qal li ma kienx jistenna li s-Sindku jitkellem mal-kuntrattur dwar it-twettiq tax-xogħol wara li jkun qajjem il-każ huwa stess (is-Sur Baldacchino).

Is-Sindku wieġeb li huwa kien imdejjaq jara li dan il-kuntrattur ġab nkwiet fil-Kunsill peress li jidher li ġelled lill-kulħadd. Is-Sindku qal li għandha tintbagħat ittra lill-kuntrattur sabiex ix-xogħol fi Triq il-Kappillan jitlesta kif miftiehem u meħtieġ sa mhux aktar tard mill-10 t'Awwissu 2011 għaliex fin-nuqqas li x-xogħol ma jitlestix jiġi terminat il-kuntratt.

Is-Sindku qal li tissejjaħ laqgħa b'urġenza sabiex tiddiskuti l-qagħda skond kif ikun il-każ.

2.2.2 Żbir ta' siġar tal-Palm. Is-Sur Baldacchino qal li peress anke din is-sena hemm il-biża li l-marda tar-Red weavel għadha hemm, aħjar dawn is-siġar jitbexxu kontra l-marda u ma jinżabrux. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Sur Mark Anthony Sammut

a. Proġett mal-iSkola Primarja Gudja. Is-Sur Sammut qal li kien ġie avviċinat mill-Health Promotion Unit sabiex ġewwa l-Gudja tinħoloq rotta sabiex it-tfal jibbenefikaw fil-mixi qabel jibdew l-iskola. Is-Sur Sammut qal li sejjer jaħdem dwar dan mas-Surmast ta' l-iSkola.

Il-Kunsill qabel li jagħti l-għajnuna meħtieġa sabiex dan il-proġett ikun suċċess speċjalment qalb it-tfal ta' l-iskola li għandhom jinġibdu aktar lejn l-edukazzjoni fiżika u sport.

b. Korsijiet ta' l-aerobics. Is-Sur Sammut qal li qed jiġi mħejji kors ta' l-aerobics li jieħu madwar tmien ġimgħat. Dettalji dwar il-post u l-programm jingħataw aktar il-quddiem.

Il-Kunsill qabel li jagħti kull għajnuna u sapport sabiex dan il-kors ikun suċċess u ta' fejda għar-residenti tal-Gudja.

2.3.2 Sur Osvaldo Pace

a. Youth in Action (YiA) – Bulgarija. Is-Sur Pace qal li l-preparamenti li saru qabel it-tluq swew sewwa għaliex il-grupp taż-żgħażagħ kellhom suċċess u kellhom kliem ta' tifħir kemm bejniethom kif ukoll minn għaqdiet u awtoritajiet oħra ġewwa l-Bulgarija.

Is-Sur Pace qal li f'isem il-Grupp kollu xtaq jirringrazzja lill-Kunsill dwar din l-opportunita u qal li kien sejjer jipprepara rapport dwar din il-mawra fil-Bulgarija sabiex il-Kunsill ikun jista' jibgħatu lill-media għall-pubblikazzjoni.

NB:- Fis-7.30p.m. is-Sur Pace talab li jiġi skużat peress li kellu impenji oħra personali.

2.3.3 Sur Anthony Dalli

a. Okkażjoni tal-għoti taċ-ċertifikati wara kors dwar l-Ewwel Għajnuna. Is-Sur Dalli qal li ħassu ddiskustat dwar kif is-Sindku għamel diskors aħħari u mhux kif kien miftiehem u programmat mal-Kunsill. Dan fil-fehma tiegħu

ħarbat l-okkażjoni li kienet tant mixtieqa u għal qalb il-bost parteċipanti ta' dan il-kors u tal-Professur Victor Sultana li mexxa tant tajjeb dan il-kors ta' l-ewwel Għajnuna li kulħadd jgħid li kien ta' suċċess kbir b'risq in-nies tal-Gudja.

Is-Sur Dalli qal li huwa jħoss li s-Sindku għamel hekk bi sfida peress li dejjem insista li jagħmel diskors aħħari.

Is-Sur Sammut qal li huwa wieġeb b'mod spontanju għal dak li qal is-Sindku peress li fil-fehma tiegħu s-Sindku tefa' ħafna tiben fuq in-nar u mhux dejjem kien korrett dwar dak li qal. Is-Sur Sammut qal li huwa tkellem sabiex jiċċara diskors u li kien qed jaqbel mas-Sur Dalli li s-Sindku ma kellux jitkellem bil-manjiera li għamel meta l-Kunsill kien diġa ftiehem kif kien qed jimxi bil-programm għal din l-okkażjoni.

Is-Sindku wieġeb li huwa ma kellu ebda ħsieb li jħarbat xi okkażjoni iżda ħass li peress it-tema dwar is-servizz kif provdut mill-Arriva kien qed iqajjem ċertu inkwiet qalb ir-residenti, fosthom dawk li kienu miġbura waqt din l-okkażjoni, ħass, b'mod spontanju li jitkellem. Is-Sindku qal li din mhux sejra tiġri xi darba oħra.

b. Rendikont tal-ħarġa f'Għawdex ta' Jum il-Gudja. Is-Sur Dalli qal li xtaq jara rendikont tad-dħul u ħruġ ta' din l-okkażjoni. Dan ir-rendikont ingħata lis-Sur Dalli u lill-kunsillieri kollha preżenti waqt din il-laqgħa.

c. Medjazzjoni bejn iż-żewġ każini tal-banda ġewwa l-Gudja. Is-Sur Dalli qal li huwa flimkien mal-Viċi-Sindku s-Sur Baldacchino kienu ġew avviċinati sabiex jaħdmu dwar medjazzjoni bejn iż-żewġ każini sabiex ikun hemm l-armonija bejniethom u sabiex ikunu jistgħu jaħdmu b'mod li jsir aktar ġid u jinkiseb aktar suċċess b'mod kollettiv b'risq ir-residenti kollha tal-Gudja mingħajr ebda distinzzjoni.

Is-Sur Dalli qal li l-Kunsill kien diġa approva li l-kamra t'isfel fil-bini tal-Kunsill tiġi użata mill-kunsilleri rispettivament anke meta l-Kunsill ma jkunx miftuħ.

Is-Sur Dalli qal li saru laqgħat mad-diriġenti tal-baned f'dan il-bini tal-Kunsill peress li ż-żewġ għaqdiet xtaqu li jsir dan u jidher li hemm xewqa kbira miż-żewġ baned li jaħdmu flimkien u mal-Kunsill sabiex jinkiseb aktar ġid għall-Gudja.

Is-Sur Dalli qal li sa dan l-istadju kemm hu, kif ukoll lis-Sur Baldacchino li kienu fuq bażi personali għaliex kienu medjaturi aċċettati miż-żewġ baned u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ma kellu l-ebda involviment fl-organizazzjoni ta' dawn il-laqgħat.

d. Stage qadim fi Triq Raymond Caruana Gudja (fuq il-bieb tas-Sinjura Bilocca). Is-Sur Dalli qal li din l-anzjana tinsab inkwetata li dan jista' jaqa' fuqha.

Is-Sindku wieġeb li jidher li l-ħadida li qed iżomm dan l-istage hija soda u b'saħħita ħafna u ma hemmx riskju li sejra taqa'. Iżda huwa sejjer jagħmel dak kollu possibli sabiex dan jinqala u għandha tittieħed kull prekawzjoni waqt ix-xogħol peress li ma dan l-istage qadim hemm ħafna wires ta' l-elettriku li m'għandhomx jitlaqtu waqt li tkun qed tinqala l-ħadida u li dawn il-wires għandhom jintrabtu sewwa sabiex huma stess jibqgħu fil-post bla periklu.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Rampa – Sur Peter Farrugia. Il-Kunsill qabel li jqabbad il-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jagħmlu rampa peress li l-bankina m'għandix din ir-rampa meħtieġ sabiex jitla' siġġu bir-roti meħtieġ għal mobilita' ta' persuni.

3.1.2 Tabelli fi Triq Ħal Tarxien u fi Triq il-Gudja, Gudja. Mera quddiem it-Truck Shop fi Triq Ħal Tarxien, mera quddiem id-dħul tal-Housing Estate tal-Mitħna fi Triq Ħal Tarxien Gudja. Peress li l-Kunsill irċieva diversi ilmenti dwar dawn ix-xogħlijiet, il-Kunsill qabel li jieħu passi meħtieġa sabiex jixtri u jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa kif inidkati hawn fuq.

3.1.3 Żamma ta' Ġonna. Il-Kunsill qabel li jinsisti mal-kuntrattur sabiex iżomm dawn il-ġonna fi stat aħjar u li jimxi skond il-kuntratt. Il-Kunsill qabel ukoll sabiex jagħmel xogħol ta' manutenzzjoni fil-ħitan ta' Ġnien Ġlormu Cassar kif ukoll jeżamina l-ahjar mezz sabiex ikun hemm funtana li taħdem bi ftit manutenzzjoni.

Il-Kunsill qabel ukoll li tintalab l-għajnuna tal-pulizija peress li fi Ġnien Ġlormu Cassar qed ikun hemm vandaliżmu speċjalmetn wara nżul ix-xemx u fis-siegħat bikrin tal-lejl.

3.1.4 Triq Ħal Resqun Gudja. Il-Kunsill ra li kif qed ikun hemm diversi ilmenti dwar ilma li jiġi fit-Triq Ħal Resqun (fejn tagħlaq) ħdejn ir-razzett. Il-Kunsill qabel li jitlob lil Perit William Lewis sabiex jagħmel stima dwar ix-xogħol meħtieġ.

3.1.5 Ħajt li qed idejjaq Triq San Ciro Gudja. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-MEPA sabiex jittieħdu passi meħtieġa peress li jidher li dan il-proġett jinsab mitluq u dan il-ħajt jista' joħloq ukoll periklu kemm għal vetturi kif ukoll għal pedestrians.

3.1.6 Plots fl-inħawi tal-bini li għandhom bżonn ħitan tal-ilqugħ sabiex ma jsirux miżbliet żgħar ġewwa l-Gudja.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' dawn il-plots:-

a. fi Triq William Baker (l-isfel)
b. fi Triq il-Lewż (fejn tagħlaq it-triq)
c. fi Triq Kan Dun Pietru Farrugia
d. fi Triq Pietru Gagliardi

Il-Kunsill qabel li jieħdu passi kemm mal-MEPA kif ukoll mas-sidien sabiex jittieħud l-passi meħtieġa u filwaqt li jkun hemm ambjent aħjar, jitneħħa ukoll il-periklu li jeżisti.

3.1.7 Dwar ilmenti oħra l-Kunsill ha passi meħtieġa sabiex jitneħħa kull inkonvenjent malli dan jiġi rappurtat għand il-Kunsill.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ġie infurmat u ħa konjuzjoni dwar il-kontenut ta' ittri li ntbagħatu. Il-Kunsill qabel li jkompli jsegwi kif ikun meħtieġ u li jeżekwixxi kif meħtieġ fl-aħjar interess tal-Kunsill.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjużjoni dwar l-ittri li rċevejna u qabel li jsegwi l-progress kif ikun meħtieġ.

3.3.2 Ittra datata 30 ta' Lulju 2011 mingħad Għaqda Mużikali Marija Assunta AD 1919, dwar l-użi tal-grawnd skond il-ftehim tal-PPP mal-Gudja United Football Club fejn l-Għaqda uriet apprezzmanet dwar il-ħidma tal-Kunsill u għal kollaborazzjoni flimkien. Il-Kunsill qabel li jkun hemm aktar inkoraġjament sabiex kemm il-każini u kif ukoll l-għaqdiet tal-Gudja jagħmlu użu ta' dawn il-faċilitajiet sprotivi u jutilizzaw is-siegħat skond il-ftehim bejn il-Kunsill u l-Gudja United FC.

Il-Kunsill qabel li jiġi ppreparat rapport tas-siegħat użati mid-data ta' dan il-ftehim dwar l-użu tal-grawnd bejn il-Gudja United FC u l-Kunsill Lokali Gudja.

3.3.3 Ittra datata 01 t'Awwissu 2011 mingħand is-Soċjeta Filarmonika La Stella Gudja dwar l-attivita ta' Stoned Again Tribute Band ta' Rolling Stones (UK). Il-Kunsill qabel li jipprovdi sitt portable toilets u bins u li jagħmel arranġamenti mal-kuntratturi konċernati sabiex jiġbru l-iskart kemm mit-triq kif ukoll mill-ġonna u li l-latrini pubbliċi jibqgħu miftuħin u jitnadfu sewwa wara l-attivita sabiex l-għada li jsir din l-attivita popolari jkun hemm l-indafa meħtieġa mingħajr ebda dewmien.

3.3.4 Ittra datata 12 ta' Lulju 2011 mingħand Għaqda Mużikali Marija Assunta u Soċjeta Filarmonika La Stella, Gudja. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jikkollabora maż-żewġ każini tal-baned sabiex ikun hemm ħidma konġunta mal-Kunsill fl-aħjar interess tal-Gudjani kollha.

Il-Kunsill qabel li peress li l-parroċċa sejra tiċċelebra l-575 sena u peress li din hija s-sena li tiċċelebra l-volontarjat tkun ħaġa f'waqta li jikri s-servizz taż-żewġ baned rispettivi u flimkien ma' dawn iż-żewġ baned jagħmlu kunċert.

Il-Kunsill qabel li jħallas €1,000.00 lil kull banda għas-servizz tal-banda waqt dan il-kunċert.

Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra liż-żewġ baned sabiex turi x-xewqat tal-Kunsill u li turi li l-Kunsill talab is-servizz taż-żewġ baned u li jingħata l-pagament ta' €1,000.00 lil kull banda għas-servizz tagħha waqt dan il-kunċert li sejjer jittella fl-14 t'Awwissu 2011.

Il-Kunsill qabel li jkun hemm aktar ħidma konġunta maż-żewġ baned kemm peress li dawn huma korpi volontarji kif ukoll peress li jaħdmu sabiex jippromwovu l-kultura ta' pajjiżna.

3.3.5 Ittra datat 15 ta' Ġunju 2011 mingħandu Dr. Chris Cilia LL.D. għan-nom u in rappreżentanza tas-Sur Raymond Vella ta' 18 Triq l-Awrekarja, Gudja. Din l-ittra titratta twaħħil ta' bozza mal-faċċata tal-post tas-Sur R. Vella li qed jinsisti li din għandha tinqala minn fejn twaħħlet peress li anke jekk l-Kunsill kellu l-permess li jagħmel dan mingħandi is-Sinjura Mary Vella (omm R. Vella) din ma setgħetx tagħti tali permess.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jitlob lil Dr. Paul Lia sabiex iwieġeb skond il-liġi peress li hija l-prattika tal-Kunsill li ittra legali tiġi mwieġba mill-avukat sabiex ma jkunx hemm xi preġudizzju kontra l-interessi tal-Kunsill.

Is-Sur Baldacchino qal li kien sejjer ikompli jara x'possibilitajiet jeżistu sabiex tinsab alternattiva mingħajr ma toħloq inkonvenjent lill-ħaddieħor.

**4.0 Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun) u parti ta' resurfacing u Bankina fi Triq William Baker u Triq il-Kappillan il-Gudja – Progress**

4.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-progress li sar u li fadal biss ix-xogħol ta' resurfacing fi Triq il-Kappillan li kif qed jiġi indikat f'dawn l-istess minuti l-kuntrattur naqas milli ilesti kif mifithem anzi telaq minn fuq il-post mingħajr ma' lesta x-xogħol fuq skuża li m'għandux paver li jassigura li x-xogħol issir tajjeb.

Il-Kunsill qed jikkonsidra jekk jitterminax il-kuntratt u ddeċieda li fiċ-ċirkustanzi ma jsirux pagamenti oħra anke dwar xogħol dwar xogħol li diġa twettaq fuq toroq imsemmija sabiex l-interess tal-Kunsill jiġi mħares sewwa.

Il-Kunsill qabel li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jieħdu ittra lis-Sur Salvu Mangion (kuntrattur) li turi l-pożizzjoni tal-Kunsill u li turi li l-kuntrattur kiser il-ftehim mal-Kunsill meta bla ebda raġuni valida ma wettaqx ix-xogħol rikjest mill-Kunsill fiż-żmien stipulat.

**5.0 Proġett tal-Mitħna Housing Estate flimkien mal-Awtorita tad-Djar.**

5.1 Il-Kunsill qabel li tiġi organizzata site meeting kemm mal-kuntrattur Joseph Desira f'siem Road Maintenance Services Ltd (RMS Ltd) u l-Perit tal-Kunsill u ta' l-Awtorita tad-Djar sabiex jingħata bidu dwar dan ix-xogħol bil-għan li jitlesta sa l-aħħar t'Ottubru 2011.

**6.0 Trasport Pubbliku**

6.1 Il-Kunsillieri ilmentaw li l-ittra ta' pettizjoni li ntbagħtet lir-residenti tal-Gudja kellha l-ewwel tiġi quddiem il-Kunsill qabel tintbagħat.

6.2 Il-Kunsillieri stqarru "li kien ikun aħjar li kieku ltqajna u naraw xi jridu n-nies u li mhux sewwa li s-Sindku jiddeċiedi waħdu".

6.3 Is-Sindku wieġeb li kien wara li fil-Kunsill kienu qed jaslu diversi ilmenti dwar in-nuqqasijiet fis-servizz pubbliku li ħass li kellu jieħu deċiżjoni li jibgħat l-ittra fejn stieden li r-residenti jagħmlu pettizjoni. Is-Sindku qal li r-residenti wieġbu bi ħġarhom u li huwa żgur li r-residenti mhux moqdija kif jixtiequ bis-servizz preżenti mogħti lill-Arriva.

6.4 Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jsiru rappreżentazzjonijiet mat-Trasport Malta kif indikat hawn taħt:-

a. rotta diretta lejn il-Belt Valletta

b. rotta diretta lejn l-iSptar Mater Dei

c. servizz mill-Gudja għall-Ajruport tal-Gudja u lura, li għalkemm hemm triq li tista' timxija, qed ikun hemm ħafna Gudjani li bosta minnhom huma

anzjani li isibu l-iżvog tagħhom f'mawra sa l-ajruport tal-Gudja, u li mindu daħal is-servizz il-ġdid qed ikollhom stennija kbira u inkonvenjent.

d. Rigward ir-rotta diretta għall-Belt Valletta, tmur mill-Gudja għal Ħal Għaxaq u tibqa' sejra l-Belt. Din tibda fil-5.30a.m. u li sat-8.30a.m. tkun f'interval ta' 20 minuta u wara tkun ta' 30 minuta.

e. Rigward ir-rotta tal-iSptar Mater Dei r-residenti Gudjani jixtiequ li tibqa' kif kienet qabel għax jidher li kienet qed tagħati s-servizz kif mixtieq.

f. Dwar ir-rotta 135 li tgħaddi minn Triq San Ċiru li hija triq ferm dejqa, qed jiġi issuġerit li jintużaw vannijiet żgħar.

g. Dwar X2 u X3 hija x-xewqa li din tgħaddi u tieqaf fil-Housing Estate tal-Mitħna Gudja u fih ħafna residenti li żgur kienu u għadhom jixtiequ jagħmlu servizz mill-Arriva Malta u tieqaf ukoll ħdejn Palazzo d'Aurel.

h. Dwar l-istages wieħed jista' faċilment isemmi mill-inqas tlieta li jihder illi ma twaħħlux taħt l-ebda supervizjoni jew ippjanar; wieħed fi Triq Raymond Caruana li twaħħal fir-reserved parking tal-Kunsill. Meta tieqaf il-bus fuq dan l-istage, tkun qed timblokka Triq Santa Katarina kif ukoll tistaġna t-traffiku fi Triq Raymond Caruana u jinħoloq periklu għal dawk kollha li kemm iridu jirkbu jew jinżlu mill-bus.

i. Dwar stage li hemm fi Triq William Baker (ex venda) hemm periklu li wieħed jixxabat miegħu u jidħol fil-proprjeta privata.

j. Dwar stage fi Triq San Ċiru qiegħed imwaħħal taħt bankina u qiegħed ta' periklu ukoll għal kull min jagħmel użu mit-triq u mill-bankina.

Il-Kunsill qabel li jkompli jsegwi l-qagħda dwar it-Trasport Pubbliku speċjalment dwar is-servizz mogħti lill-Gudjani sabiex issir it-titjib meħtieġ bla dewmien u malajr kemm jista jkun.

## 7.0 Finanzi

7.1 Petty Cash. L-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Ġunju 2011 b'ammont ta' €20.67 ġie approvat kif ippreżentat.

7.2 Skeda ta' pagamenti. Is-skeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2011 għas-somma ta' €38,946.12 ġiet approvata kif ppreżentata wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda ta' pagamenti.

7.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

7.3.1 Siġġijiet. Il-Kunsill qabel li jinxtraw żewġ siġġijiet għall-uffiċċju tas-Sindku.

7.3.2 Settijiet tat-telefon. Il-Kunsill qabel li jinxtraw tlett settijiet tat-telefon għal uffiċċju amministrattivi peress li l-cordless telefon ma kinex effettiv meta jinqala minn postu.

7.3.3 Funtana Ġnien Ġlormu Cassar tax-Xlejli, Gudja. Il-Kunsill qabel li jinxtara l-apparat meħtieġ sabiex din il-funtana terġa tibda taħdem kif ikun meħtieġ.

7.3.4 Xogħol fi Ġnien Ġlormu Cassar Gudja. Il-Kunsill qabel li tinxtara ż-żebgħa meħtieġa sabiex il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill jagħmlu x-xogħol meħtieġ

ta' manutenzzjoni tal-ħitan f'dan il-Ġnien u jiżbgħu b'diversi kuluri kif jixraq l-ambjent.

7.3.5 Il-Kunsill approva x-xiri u xogħlijiet kollu kif indikati f'diversi partijiet oħra ta' dawn il-minuti.

7.3.6 Triq Bir Miftuħ (ħdjen ix-xejpu). Il-Kunsill qabel li tiġi mtawla għal xi pied ieħor.

**8.0 Għeluq tal-laqgħa**

8.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8.35p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 31 t'Awwissu 2011 fil-5.30p.m. fuq l-agenda li tiġi kommunikata qabel il-laqgħa.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________